# Tagħrif dwar il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop u l-Kappillani Tagħha



minn **Leonard Agius**

Meta wieħed jidħol fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Kirkop iddedikata lil San Leonardu Abbati u jħares lejn l-artali li hemm fil-knisja jinnota li kollha ddedikati lill-Madonna jew hemm ix-xbieha tagħha ħlief dak tat-titulari li sar fl-1751 minn xi alliev ta' Mattia Preti li jġib lil San Leonardu qiegħed jeħles l-ikalzrati.

L-ewwel artal hu dak tar-Rużarju li sar fl-1600 fejn hemm ix-xbieha tal-Madonna u l-Bambin bil-kuruna tar-Rużarju, San Duminku u Santa Katerina ta' Siena, kif ukoll il-misteri tar-Rużarju. Artal ieħor hu dak tal-Madonna tal-Pilar magħruf bħala ta' San Ġakbu. F'dan l-inkwadru hemm ix-xbieha tal-Madonna u l-Bambin f'ħoġorha u San Ġakbu għarkubbtejh. Ta' min jgħid li dan kien l-ewwel artal iddedikat lill-Madonna tal-Pilar li sar fl-1647, il-pittur x'aktarx hu Stefano Errardi. Dun Franġisk Mangion miż-Żurrieq f'testment li għamel għand in-Nutar Antonio Brancati nhar l-20 ta' Frar 1701 ħalla parti mill-proprjetà tiegħu għall-artal ta' San Ġakbu li hemm fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Kirkop biex fl-anniversarju tal-mewt tiegħu tiġi ċċelebrata quddiesa fuq dan l-artal. Dun Franġisk Mangion miet fl-14 ta' Lulju 1701. Artal ieħor hu tal-Madonna tal-Grazzja u l-pittura ġġib lill-Madonna bil-Bambin u San Franġisk de Paule. Dan sar mill-Pittur Ġannikola Buhagiar fl-1708. Artal ieħor hu ddedikat lill-Madonna tad-Duluri, u juri lill-Madonna bilqiegħda b'Ġesù mejjet f'ħoġorha u anġlu jikkonforta lill-Madonna, pittura sabiħa ħafna. Dan sar fl-1802. Ta' min jgħid li fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Barbara, li waqqaf il-Fratellanza ta' San Ġużepp f'Ħal Kirkop fl-1875, kien sar tentattiv biex jiġi mibdul f'wieħed iddedikat lil San Ġużepp. Kien fuq l-insistenza ta' missirijietna ma' l-Isqof ta' dak iż-żmien biex ma jinbidilx li għadna ngawduh sal-lum. Artal ieħor kien iddedikat lil Santa Marija, u dan kien sar fl-1658. Dan l-artal li kien tal-ġebel tneħħa biex saret in-niċċa għal San Leonardu. Il-pittura qiegħda preservata fil-knisja tal-Lunzjata. L-aħħar altar kien dak tal-Kurċifiss, u dan fih impitter Ġesù fuq is-salib, il-Madonna, Marija Maddalena u nisa twajba. Dan ukoll tneħħa u jinsab fil-knisja tal-Lunzjata. Minfloku sar korp tal-kartapesta mill-Istatwarju Wistin Camilleri. Dan sar fi żmien il-Kappillan Dun Mikiel Spiteri wara l-gwerra.

Wara li tajna ħarsa lejn l-artali li għandna jżejnu l-knisja



*Il-Kappillan Dun Franġisk Xuereb*



*Louis Carabott ilibbes ir-ruzetta mogħtija minn Dun Mikiel Spiteri.*

tagħna li għal xi wħud ma jagħtux każ xi preġju ta' arti għandna, ħaġa sabiħa wkoll ta' min ifakkar biex qatt ma jintesew dawk il-kappillani li ħabbew u kabbru l-festa ta' San Leonardu. Fl-1592 l-ewwel kappillan ta' Ħal Kirkop kien Dun Karlu Taliana. Dan il-kappillan flimkien ma' missirijietna tana l-identità ta' parroċċa ddedikata lil San Leonardu, li aħna kburin li qegħdin taħt il-protezzjoni tiegħu. Ta' min ifakkar li fil-purċissjoni ta' San Girgor li kienet issir mill-Imdina għaż-Żejtun kienu jieħdu sehem il-parroċċi ta' Malta kollha. Il-parroċċa tagħna kienet tiġi msejħa ta' San Leonardu biex timxi skond il-preferenza parrokkjali, u għalhekk fuq is-salib tal-kleru wara l-kurċifiss hemm ix-xbieha ta' San Leonardu. Wieħed ieħor fost il-kappillani kien Dun Franġisk Xuereb. Fi żmien dan il-kappillan saru l-gandlieri u l-kanapew għall-artal maġġur li jintramaw għall-festa ta' San Leonardu. Qabel saru dawn il-gandlieri l-artal maġġur kien jintrama bl-istess gandlieri tal-festa ta' San Ġużepp. Dawn kienu saru mill-Kappillan Dun Ġużepp Barbara li kien ħsiebu biss kif ikabbar il-festa ta' San Ġużepp. Il-Kappillan Dun Franġisk Xuereb ħallas bi spejjeż tiegħu personalment l-pedestall ta' l-istatwa, li sar l-Italja fuq id-disinn ta' Ġużeppi Galea tar-Rabat Malta. Kappillan ieħor kien Dun Mikiel Spiteri li fi żmienu sar il-ventartal fuq id-disinn ta' Antonio Sciortino ta' Ħaż-Żebbuġ Malta u nħadem mid-ditta Robinich ta' Raħal Ġdid. Barra dan, f'testment li għamel ried li wara mewtu l-istatwa ta' San Leonardu tiġi ddekorata b'rużetta tad-deheb. Din ġiet inawgurata fil-festa ta' l-2004. Ta' min ifakkar li biex ġie attwat dan it-testment domt nitħabat ma' l-awtorità tal-Knisja għal 20 sena meta Dun Mikiel ilu mejjet 32 sena. Kappillan żagħżugħ u ħabrieki kien Dun Ġużepp Theuma li kien minn Birkirkara. Dan il-kappillan kien l-ewwel wieħed li beda l-pittura fejn barra l-evanġelisti li hemm fil-koppla għamel tliet episodji fuq il-ħajja ta' San Leonardu fis-saqaf tal-kor, li dawn ġew impittra mill-Professur Ġużeppi Briffa ta' Birkirkara. Barra dan, il-Kappillan Theuma bi spejjeż tiegħu ddekora l-istatwa ta' San Leonardu b'salib pettorali.

Ħuti Koppin kellna iżjed kappillani li ħadmu u għamlu biex ikabbru l-festa ta' San Leonardu iżda mhux daqshekk fil-miftuħ. Huwa obbligu tagħna li nibqgħu niftakru fihom fit-talb tagħna.

San Leonardu missier tagħna minn ħdejn il-Mulej itlob għalina u għal dawn il-kappillani.



***Ritratt oriġinali ta' San Beneditt Martri qabel ma ġie mimsus kif kien meta libsu Dun Salv Pagas La Corte minn Bormla. Dan ir-relikwarju ġie mogħti mill-Papa Piju VI lil Kjeriku Koppi Ġużeppi Marija Callus 1790 għall-knisja parrokkjali ta' Ħal Kirkop fejn wara l-festa titulari kienet issirlu festa kbira.***